MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 260/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Reuben Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Reuben Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 170183(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Ottubru 2011 għall-ħabta tad-09.30 hrs f'Mġarr Road, Mġarr:

(1) saq vettura nru. KAQ-843 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda);

(2) saq vettura nru. KAQ-843 mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Reuben Azopardi jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta' żmien ta' mhux inqas minn tnax-il xahar;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-21 ta' Mejju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Reuben Azzopardi ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500) pagabbli fuq medda ta' sentejn u sospensjoni tal-liċenzja għal żmien sena (12 il-xahar).

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Reuben Azzopardi ppreżentat fil-31 ta' Mejju 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena u okkorrendo ikun il-każ, subordinatament tipprovdi ghal piena aktar miti u idoneja;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta' l-*ex-transport officer* Raymond Cini; rat il-verbal tas-6 ta' Mejju 2015 fejn l-Avukat Dottor Mark Vassallo għall-appellant preżenti, iddikjara li l-appellant kien qiegħed jirtira l-aggravju dwar il-mertu, irreġistra ammissjoni u żamm ferm l-aggravju dwar il-piena; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma (1) li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment issib ħtija fil-konfront tiegħu, u (2) li, mingħajr preġudizzju, il-piena hi eċċessiva. Stante li l-aggravju dwar il-mertu ġie rtirat, din il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel aggravju.

**6.** Dwar il-piena l-appellant jgħid hekk:

> "Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-umli fehma tal-appellanta, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.
>
> "Illi minghajr pregudizzju, anki jekk kieku zbalja, l-appellant m'huwiex 'hardened criminal' li jkollu xi dispozizzjoni jirrepeti l-agir tieghu;
>
> "Illi l-fatt li persuna taghmel zball, m'ghandux iwassal sabiex jigi msallab b'tali mod li jispicca jitlef hobzu minhabba s-sospensjoni tal-licenzja. F'dan il-kaz l-appellant ser ikun qieghed jigi kkundannat doppjament fuq l-istess reat jekk apparti l-multa jitlef ukoll ix-xoghol tieghu minhabba s-sospensjoni tal-licenzja."

**7.** Waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur ta' l-appellant issottometta li l-appellant għandu problema ta' flus li hija sostanzjali, għandu familja, ma jaħdimx, qed jgħix b'erba' mitt euro fix-xahar *relief* u huwa wieħed minn dawk il-każijiet li tiġi ċirku vizzjuz imbagħad. Talab għalhekk li din il-Qorti, minflok il-multa, timponi piena karċerarja sospiża.

**8.** Issa, skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena fil-każ tal-ewwel reat hi ta' multa ta' mhux anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien. L-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant għall-piena ta' €2,500. In-nuqqas ta' ħlas ta' din il-multa jfisser li dik is-somma tiġi konvertita fi priġunerija għal perijodu ta' tnejn u sebgħin ġurnata.

**9.** Mill-fedina penali aġġornata ta' l-appellant jirriżulta, almenu *prima facie*, li l-appellant jinsab taħt ordni ta' *probation* għal perijodu ta' tliet snin b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' l-4 ta' Novembru 2013. Mhuwiex opportun illi f'dan l-istadju, dwar każ li seħħ sentejn qabel, tiġi eventwalment inflitta piena effettiva ta' priġunerija minħabba nuqqas ta' ħlas ta' multa. Għalhekk din il-Qorti ssib illi t-talba ta' l-appellant sabiex jiġi kkundannat piena ta' priġunerija sospiża hi ġustifikata.

**10.** Naturalment ma tistax ma twissix lill-appellant illi, bħalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, **"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, *a let off* jew sempliċement *a slap on the hand*. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha."**

**11.** Kwantu għal-liċenzja tas-sewqan, fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant qal li s-sospensjoni tal-liċenzja tkun tfisser it-telfien tax-xogħol tiegħu. Waqt it-trattazzjoni ntqal li l-appellant mhuwiex qiegħed jaħdem. Fi kwalunkwe każ min għandu bżonn liċenzja tas-sewqan minħabba x-xogħol tiegħu għandu jibża' għaliha billi ma jwettaqx reati li jistgħu jwasslu għas-sospensjoni tagħha. Inoltre ma nġabux "raġunijiet speċjali" a konjizzjoni tal-Qorti skond is-subartikolu (2A) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104 imsemmi li jistghu jwassluha biex tnaqqas il-perijodu nflitta mill-ewwel Qorti.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant Reuben Azzopardi għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2500) u minflok tikkundannah għal priġunerija għal perijodu ta' xahrejn liema sentenza m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' tliet snin millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan illi l-perijodu ta' sospensjoni tal-liċenzja ta' sewqan jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-imsemmi Reuben Azzopardi bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------